

**DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1277**

tal-21 ta' Lulju 2022

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (¹) u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (2) Il-Kunsill jibqa' mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja. Wara aktar minn għaxar snin, il-kunflitt fis-Sirja għadu 'i bogħod milli jintem u r-reġim Sirjan qed ikompli jsegw i-l-politika tiegħu ta' repressjoni. Barra minn hekk, ir-reġim Sirjan jipprovdi appoġġ, inkluż appoġġ militari, lill-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna.
- (3) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li erba' persuni u entità waħda jenħtieġ li jinżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emmendata skont dan,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
M. BEK*

---

(¹) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

## ANNESS

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jinżidiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni):

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“323.	Saleh AL-ABDULLAH <i>(صالح عبدالله)</i>	Data tat-twelid: 1967 Post tat-twelid: Safita, Tartous, Sirja Pożizzjoni: Brigadier General Sess: raġel	Saleh AL-ABDULLAH huwa l-kmandant tas-16-il Brigata affiljata mal-kmand tal-forzi Russi fis-Sirja mill-2020. Qabel kien id-deputat tal-Brigadier General Suhail al-Hassan, fil-25 Diviżjoni tal-Armata Sirjana. Huwa involut fir-reklutaġġ ta' membri fis-16-il Brigata biex jiġgielu fl-Ukrajna flimkien mar-Russia.  Fdin il-kapaċità, Saleh AL-ABDULLAH huwa membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' “kurunell” u l-ekwivalenti jew oħħla fil-kariga wara Mejju 2011.	21.7.2022
324.	Ahmed KHALIL KHALIL <i>(magħruf ukoll bħala Ahmed KHALIL)</i> <i>(أحمد خليل)</i>	Sess: raġel	Ahmed KHALIL KHALIL huwa l-koproprietarju ta' Sanad Protection and Security Services, kumpanija tas-sigurtà privata Sirjana stabilita fl-2017 u ssorveljata minn Wagner Group fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (fosfati, gass u s-sigurtà tas-siti taż-żejt) fis-Sirja. L-isfruttament tar-riżorsi naturali jipprovdha dħul lir-reġim Sirjan. Barra minn hekk, il-kumpanija hija attiva fir-reklutaġġ ta' merċenari Sirjani fil-Libja u fl-Ukrajna.  Għaldaqstant, Ahmed KHALIL KHALIL jappoġġa lir-reġim Sirjan u jibbenefika minnu.	21.7.2022
325.	Nasser Deeb DEEB <i>(magħruf ukoll bħala Nasser Dhib, Nasser Dib, Nasser Deeb)</i> <i>(ناصر ديب)</i>	Sess: raġel	Nasser Deeb DEEB huwa l-koproprietarju ta' Sanad Protection and Security Services, kumpanija tas-sigurtà privata Sirjana stabilita fl-2017 u ssorveljata minn Wagner Group fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (fosfati, gass u s-sigurtà tas-siti taż-żejt) fis-Sirja. L-isfruttament tar-riżorsi naturali jipprovdha dħul lir-reġim Sirjan. Barra minn hekk, huwa wkoll koproprietarju tal-kumpanija Ella Services flimkien ma' Khodr Ali Taher.  Fdin il-kapaċità, Nasser Deeb DEEB jappoġġa lir-reġim Sirjan u jibbenefika minnu.	21.7.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
326.	Issam SHAMMOUT  (magħruf ukoll bħala Mohammed Issam Shammout, Mohamed Essam Shammout, Muhammad Issam Shammout, Muhammad Essam Shammout)  (محمد عصام شمومط)	Data tat-twelid: 1971  Post tat-twelid: Damasku, Sirja  Sess: raġel	Issam SHAMMOUT huwa s-sid u l-president tal-bord tad-diretturi tal-linja tal-ajru "Cham Wings" u l-kap ta' Shammout Group, attiv fis-setturi tal-karozzi, tal-azzar, tal-avjazzjoni, tat-trasportazzjoni tal-merkanzija, tal-kostruzzjoni, u tal-proprietà immoblli.  Fdin il-kapaċità, Issam SHAMMOUT huwa negozjant ewljeni li jopera fis-Sirja.	21.7.2022"

(2) L-entrata li ġejja tinżdied mal-lista li tinsab fit-Taqsima B (Entitajiet):

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"82.	Sanad Protection and Security Services  (شركة سند للحرسات والخدمات الأمنية)	Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata  Data tal-ħolqien: 22 ta' Ottubru 2017  Kwartieri Ġeneral: Damasku	Sanad Protection and Security Services hija kumpanija tas-sigurtà privata Sirjana stabbilita fl-2017 u ssorveljata minn Wagner Group fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (fosfati, gass u s-sigurtà tas-siti taż-żejt) fis-Sirja. L-isfruttament tar-riżorsi naturali jiipprovdi dħul lir-reġim Sirjan. Barra minn hekk, il-kumpanija hija attiva fir-reklutaġġ ta' merċenarji Sirjani fil-Libja u fl-Ukrajna. Għaldaqstant, il-kumpanija tappoġġa lir-reġim Sirjan u tibbenefika minnu.	21.7.2022"